MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 1029/2009

**Emanuel Baldacchino**
**ID-736661(M)**

**vs**

**Charles Mallia**
**ID-912550(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tlett elef u sebgha u erbghin Ewro (€3,047.00) ammont li l-konvenut appropria ruhu minnu illegalment minghand l-attur meta kien impjegat tieghu fil-Limestone Heritage kalkolati bir-rata ta' mitejn sebgha u sebghin Ewro (€277.00) fil-gimgha ghal hdax-il gimgha mill-1 ta' Jannar, 2008 sat-13 ta' Marzu, 2009.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra legali tat-12 ta' Novembru, 2009 – Dok A anness, u r-risposta tas-17 ta' Novembru, 2009 – Dok B annessa bl-ispejjez tal-istess ittra u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi l-konvenut jichad li approprja ruhu mis-somma allegata. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut tressaq il-Qorti u kien mixli biss dwar somma ta' anqas minn mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233).  Illi l-konvenut offra li jikkumpensa ghad-danni li seta' kkawza imma t-talba hija wahda esagerata u l-attur ma ressaqx provi tad-dannu soffert allegati minnu.  Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra legali tat-12 ta' Novembru, 2009 Dok A anness fl-atti u risposta tas-17 ta' Novembru, 2009 Dok B annessa fl-atti bl-ispejjez tal-istess ittra.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti minnhom.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2011, fejn intalbet korrezzjoni fl-avviz tat-talba, u dan fis-sens illi d-data tal-1 ta' Jannar, 2008, ghandha taqra l-1 ta' Jannar, 2009, liema talba giet akkolta.

Ra d-digriet tal-4 ta' Mejju, 2011 li permezz tieghu gie nominat Espert Tekniku sabiex jezamina l-kontenut ta' *compact disc* li gie pprezentat mill-attur, bil-ghan illi jipprova jidentifika u jistabilixxi d-denominazzjoni, u possibilment l-kwantita' ta' flus li ttiehdu mill-konvenut.

Ra r-rapport imhejji mill-Espert Tekniku, li gie pprezentat u kkonfermat bil-gurament minnu fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2011.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-konvenut kien impjegat mal-attur, li huwa s-sid ta' negozju bl-isem Limestone Heritage. Irrizulta wkoll illi f'perjodu li gie identifikat mill-partijiet bhala mill-bidu ta' Jannar 2009 sat-13 ta' Marzu 2009, f'liema data gie terminat l-impieg tal-istess konvenut, dan tal-ahhar kien qed jisraq xi flus mill-kaxxa tal-flus tal-attur.

Illi l-linja difenzjonali tal-konvenut f'din il-kawza tittratta dwar l-ammont ta' flus li hu ha minghand l-attur, u ghalhekk il-kontestazzjoni tieghu hija biss dwar il-*quantum* tat-talba. Illi fid-deposizzjoni moghtija mill-istess konvenut, hu ammetta illi kien jiehu l-flus. Illi ghalhekk, li jehtieg li jigi determinat u deciz minn dan it-Tribunal in forza ta' din is-sentenza huwa l-ammont ta' flus li l-konvenut ghandu jigi ordnat illi jhallas u jirrifondi lura lill-attur.

Ikkunsidra,

Illi inizjalment il-konvenut iddikjara li hu kien ha flus minghand il-konvenut fuq medda ta' madwar sitt (6) gimghat, madanakollu, imbaghad meta ingibdet l-attenzjoni tieghu ghall-fatt illi l-perjodu in kwistjoni kien mill-bidu ta' Jannar sat-13 ta' Marzu 2009, hu iddikjara illi l-perjodu relattiv seta' kien itwal, ta' madwar hdax (11)-il gimgha. Illi l-istess konvenut stqarr illi f'dan il-perjodu hu kien jiehu madwar ghoxrin Ewro (€20) tliet (3) darbiet jew erbgha (4) fil-gimgha. Qal ukoll illi dakinhar li avvicinawh, u arrestawh il-Pulizija, hu kien ha tletin Ewro (€30). Qal ukoll illi ghalkemm ma kienx qed izomm kalkolu specifiku, jidhirlu li b'kollox hu ha madwar mitejn u hamsin Ewro (€250) jew tliet mitt Ewro (€300) minghand l-attur. Illi madankollu, fl-istqarrija[1] li rrilaxxja lill-Pulizija *a tempo vergine* meta gie arrestat, hu ddikjara illi seta' ha madwar hames mitt Ewro (€500), ghalkemm ma kienx cert ghaliex ma kienx izomm rendikont.

Illi da parti tieghu, l-attur qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' tliet elef u sebgha u erbghin Ewro

---

[1] Dok. MB1 a fol. 33

(€3,047.00)[2], u dan bir-rata ta’ mitejn sebgha u sebghin Ewro (€277) fil-gimgha fuq medda ta’ hdax (11)-il gimgha.

Illi mill-istharrig li wettaq l-Espert Tekniku, li gie nominat minn dan it-Tribunal, sabiex permezz tar-*recording* mis-*cctv* jistabilixxi x’ammont seta’ ha l-konvenut, irrizulta illi fil-perjodu ta’ madwar gimgha, bejn it-8 ta’ Marzu 2009 sat-13 ta’ Marzu 2009, il-konvenut fetah il-*cash register* bil-ghan illi jiehu l-flus sbatax (17)-il darba, u dan ha karti tal-flus u muniti ghall-valur ta’ bejn mitejn u hamsa u hamsin Ewro (€255) u tliet mija u tletin Ewro (€330)[3].

Illi din l-informazzjoni ggib fix-xejn l-allegazzjoni tal-konvenut illi hu b’kollox ha sa mhux aktar minn hames mitt Ewro (€500), u dan ghaliex jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni illi f’gimgha wahda biss hu ha l-ammont approssimattiv li gie stabbilit mill-Espert Tekniku, allura ma jistax ikun illi fil-kumplament taz-zmien, u cioe’ fl-ghaxar (10) gimghat l-ohra, l-istess konvenut ha biss madwar mitejn Ewro (€200). Illi ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-konvenut dwar l-ammont ta’ flus li hu ha minghand l-attur, m’hix wahda attendibbli u verosimili, u ghalhekk qed tigi skartata.

Illi kemm-il darba wiehed jiehu l-ammonti li gew indikati mill-Espert Tekniku bhala bazi ghall-kalkolu tal-ammont li seta’ ttiehed mill-konvenut, wiehed jasal ghas-somma kumplessiva ta’ madwar tliet elef mitejn u sbatax-il Ewro u hamsin centezmu (€3,217.50c), u dan a bazi ta’ medja ta’ mitejn tnejn u disghin Ewro u hamsin centezmu (€292.50c)[4] fil-gimgha, ghal hdax (11)-il gimgha. Illi l-ammont li qed jintalab mill-attur permezz ta’ din l-azzjoni hu kemmxejn inferjuri ghal dan l-ammont, u li a bazi tal-kalkoli hawn fuq riprodotti, jirrizulta li hija gustifikata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-konvenut, jilqa’ it-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut

---

[2] Dok. X2 a fol. 40

[3] Dok. MB a fol. 50

[4] (€ 255 + € 330) / 2 = € 292.50c

ihallas lill-attur is-somma ta’ tliet elef u sebgha u erbghin Ewro (€ 3,047.00), bl-imghax kif mitluba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------